Ħarġa nru. 102 - Settembru 2015

B'XEJN ma' l-orizzont

# SPORTIV

Magażin Sportiv ta' kull xahar



# Michael Mifsud jiskorja l-40 goal tiegħu għal Malta

AKTAR F'PAĠNA 18

FOOTBALL • MALTA FOOTBALL ASSOCIATION
WATERPOLO • SPORTMALTA • REGATTA
GOZO SPORT • STORJA TAL-FOOTBALL MALTI

TeamSporT
IPPARTEĊIPA U IRBAĦ MA' TEAMSPORT





# House of Cards

## Premieres 5th October

Double bill every Monday at 21:00

New to GO STARS HD

© 2013 MRC II Distribution Company L.P. All Rights Reserved.

GO

Follow us

go.com.mt/limitless



# Settembru 2015

Ix-xahar ta' Settembru kien mimli attivitajiet u kompetizzjonijiet.

Dawk li spikkaw kienu r-Regatta tal-Vitorja kif ukoll l-impenji tat-timijiet nazzjonali kemm tal-Kbar kif ukoll ta' Taħt il-21 sena.

Għat-tieni sena konsekuttiva, ir-Regatta tal-Vitorja ntrebħet mill-club ta' Marsa ... u għat-tieni sena nfila rebħu d-Double.

It-team nazzjonali Malti kellu żewġ impenji - barra minn darna kontra l-Italja u dak fl-Istadium Nazzjonali kontra l-Azerbaijan.

Fil-konfront kontra l-Italja, it-team Malti kellu prestazzjoni mill-aqwa fejn ġie megħlub b'goal uniku li kien ukoll diskutibbli.

Fil-logħba kontra l-Azerbaijan (2-2), spikka l-goal ta' Michael Mifsud li kien l-40 wieħed bil-flokk nazzjonali fejn kompla jkabbar ir-rekord personali.

Il-Kampjonat Premier qed jiżvolġi wkoll f'wieħed interessanti fejn spikkat ir-rebħa ta' Valletta fuq Birkirkara (2-1) .... li iżda sfaw megħluba minn Balzan (1-0).

Matul dan ix-xahar, ingħata wkoll bidu għall-Kampjonati inferjuri .....

Jesmond Moore - Editur




# Irbaħ €25 voucher ma'

TeamSporT®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ rigal ġentilment offrut lilna minn Teamsport...

**Kemm skorja goals Michael Mifsud mat-team nazzjonali?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Ottubru, 2015:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 101 hija:*
**Hibernians**

*Ir-rebbieħa hija:*
R. Bonello Cauchi - Xgħajra






CAR | HOME | HEALTH | TRAVEL | BOAT | PET | WEDDING | BUSINESS

# TRUSTWORTHY INSURANCE PROTECTION

Award-Winning Service | 7 Day Claim Settlement

LAFERLA
INSURANCE AGENCY LIMITED

Agents for:

MAPFRE | MIDDLESEA

**Search**
Laferla Insurance

**Contact Us**
info@laferla.com.mt

Laferla Insurance Agency Limited (C-14529) is authorised as an agent for Mapfre Middlesea p.l.c. (C-5553) under the Insurance Business Act 1998 to carry out insurance business. Both companies are authorised by the Malta Financial Services Authority.








Ħarġa nru **102**
**SPORTIV**
Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Sales & Marketing Manager**
Marouska Buttigieg
25900253
mbuttigieg@unionprint.com.mt

**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Sales Persons**
Joseph Xuereb 9980 4283
Jason Giardina 9946 7037

**Ritratti**
Ian Noel Pace
Roger Azzopardi
Christine Borg
Dominic Borg

*Cover - Michael Mifsud juri n-numru 40 wara li skorja dan l-ammont personali għal Malta fil-logħba kontra l-Azerbaijan (Ritratt - Christine Borg)*

UNION PRINT CO. LTD

**SPORTIV huwa ppubblikat minn Union Print Co. Ltd Marsa Tel: 25900216**

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-gurnal L-ORIZZONT fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.

# Werrej

6 **MFA**
L-ogħla uffiċjali tal-UEFA jiltaqgħu f'Malta

16 **EURO 2016**
Telfa minima kontra l-Italja

18 **EURO 2016**
Rimonta Maltija għal riżultat ġust

20 **Malta Under21**
Draw prestiġjuż kontra l-Montenegro

22 **Kampjonat Premier**
Hibernians leaders assoluti

28 **Youth FA**
Is-Seminar Annwali tal-Youth FA

30 **Sport & Exercise**
Extracorporeal Shockwave Therapy

32 **Regatta tal-Vitorja**
Marsa jerġgħu jirbħu d-Double

34 **Waterpolo**
San Ġiljan champions wara 20 sena

36 **Sportmalta**
Il-Ġimgħa Ewropea tal-Isport

40 **Gozo Sport**
Jiġi fi tmiemu l-istaġun Għawdxi tal-isnooker

42 **MEUSAC**
BEACTIVE

44 **Storja tal-Futbol Malti**
L-ewwel referee Taljan fil-Kampjonat

46 **'Spot The Ball' u Tisliba**



mfa.com.mt







# L-ogħla uffiċjali tal-UEFA jiltaqgħu f'Malta










Bħala wieħed fost 54 membru assoċjat mal-UEFA, Malta organizzat diversi avvenimenti tal-UEFA, Kungress u żewġ laqgħat tal-Eżekuttiv f'dawn l-aħħar snin.

L-aħħar avveniment organizzat mill-UEFA, bil-kollaborazzjoni tal-UEFA, kienu l-finali tal-Kampjonat Ewropew ta' Taħt is-17- il sena li saru f'Mejju tas-sena l-oħra.

Avveniment ieħor li sar dan ix-xahar f'Malta kienu laqgħat għall-uffiċjali għolja tal-UEFA magħrufa bħala TEP – Top Executive Programme. Dan kien immexxi mill-presidnet tal-UEFA, Michel Platini u s-Segretarju Ġenerali, Gianni Infantino.

Il-programm hu dwar l-iżvilupp kontinwu tal-UEFA biex tgħin u tappoġġa lill-ogħla uffiċjali tal-UEFA jieħdu l-aħjar deċiżjonijiet. Permezz ta' din l-inizjattiva kien hemm diversi deċiżjonijiet li ħallew il-marka tagħhom partikolarment dwar il-kompetizzjonijiet tat-timijiet nazzjonali.

Dawn jinkludu wkoll il-finalisti tal-Euro 2016 li minn 16 se jitilgħu għal 24, iċ-ċentralizzazzjoni tad-drittijiet tal-media fil-fażi ta' kwalifikazzjoni u d-deċiżjoni li l-finali tal-Euro 2020 isir f'diversi bliet madwar l-Ewropa.

Bidla oħra importanti kienet dik li għandha twassal għall-Kampjonat tan-Nazzjonijiet tal-UEFA li se jibda fl-2018. Dan għandu jelimina l-ħafna partiti ta' ħbiberija li jintlagħbu, bit-timijiet jinqasmu f'kategoriji skond il-*co-efficient* miksub mir-riżultati internazzjonali.

Dan il-kampjonat se jkun mifrux fuq erba' diviżjonijiet.

Kif isir is-soltu, il-laqgħat tat-TEP li saru f'Malta saru f'diskussjonijiet żgħar fi gruppi li jipprovdu għal suġġerimenti li jevolvu f'diskussjoni akbar f'laqgħat plenarji.

Wara l-ewwel jumejn ta' laqgħat u hekk kif intemm it-TEP, f'Malta inżammet ukoll laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv tal-UEFA bil-prteċipazzjoni għall-ewwel darba ta' żewġ rappreżentanti tal-ECA (European Clubs Association), fejn id-diskussjoni kienet waħda mportanti.

Fost is-suġġetti diskussi kien hemm ir-rapporti finanzjarji tal-UEFA, rapport dwar l-organizzazzjoni tal-Euro 2016 u kif ukoll ir-riformi fil-FIFA. Apparti dan, il-Kumitat Eżekuttiv qabel ma' proposta tal-Kumitat tal-Finanzi tal-UEFA li jingħataw €2 miljun f'għotja ta' beneficenza għar-refuġjati.

Finalment l-attivitajiet għalqu b'konferenza stampa indirizzata mis-segretarju ġenerali tal-UEFA, Gianni Infantino, li għaliha attendiet

# Il-proprjetarju tad-ditta Givova jżur lit-tim nazzjonali f'Firenze






Is-Sur Giovanni Acanfora, il-proprjetarju tal-kumpanija Givova, l-isponsor tal-ilbies u attrezzaturi oħra tat-tim nazzjonali Malti, kellu żjara ta' kortesija fil-lukanda f'Firenze fejn kien alloġġat il-kontinġent kollu tat-tim nazzjonali Malti.

Din iż-żjara saret, ftit sigħat qabel il-partita bejn l-Italja u Malta, li ntlagħbet fi Stadio Artemio Franchi.

Is-Sur Acanfora kien preżenti apposta biex jiltaqa' mal-plejers nazzjonali u mal-istaff tekniku u jsellmilhom qabel impenn daqshekk importanti fil-kalendarju internazzjonali.

Huwa qal li kien ta' unur kbir għalih u għall-kumpanija tiegħu li jinvesti u jisponsorja lit-tim nazzjonali Malti u se jibqa' jagħmel dan anki għall kompetizzjoni li jmiss.

"Malta hija post popolari ħafna fl-Ewropa u t-tim nazzjonali Malti huwa reliġjon f'pajjiżu. Fl-aħħar snin kont kuntent ħafna bil-prestazzjonijiet ta' Malta li għalkemm hija pajjiż żgħir uriet li kapaċi tilgħab u tagħti sfida denja lil kull tim fl Ewropa.

"Huwa għalhekk li bejn din il-kumpanija u l-Malta Football Association kompliet tikber il-ħbiberija u r-rispett fir-relazzjonijiet professjonali. Nawgura lit-tim nazzjonali kull suċċess fil-futur u ninsab ċert li l-impenji li se jkollu t-tim nazzjonali Malti fiż-żmien li ġej se jroddu lura l-investiment li Givova qiegħda tagħmel f'Malta," qal is-Sur Acanfora.

Il-proprjetarju ta' Givova sab il-ħin biex jitkellem ftit mal-plejers u jieħu ritratt tal-okkażjoni magħhom. Huwa kien preżentat bil-flokk tat-tim nazzjonali Malti ffirmat mill-plejers kollha.

Din il-preżentazzjoni saret mis-Segretarju Ġenerali tal-MFA, Bjorn Vassallo.



# Michael Mifsud
## jiskorja l-40 goal personali mat-tim nazzjonali

Meta wieħed jikkunsidra li huwa diffiċli li tiskorja l-goals mat-tim nazzjonali ta' Malta, Michael Mifsud reġa' kiteb l-istorja bil-goal li skorja kontra l-Azerbaijan fid-draw ta' 2-2. Il-goal ta' Mifsud kien wieħed speċjali għaliex irnexxielu jiskorja l-40 goal tiegħu bil-flokk ta' Malta f'112-il logħba.

Malli skorja goal tassew sabiħ, Mifsud wera b'idejh li dan kien l-40 goal tiegħu bil-players sħabu jifirħu bih u l-folla preżenti infexxet f'għajta ta' ferħ.

Dan kien mument indimentikabbli għal Michael Mifsud u għall-football Malti in ġenerali li jibqa' jissemma matul is-snin li ġejjin.

Mifsud iddebbutta mat-tim nazzjonali fis-sena 2000, f'logħba kontra l-Albanija. L-ewwel goal skorjah kontra l-Islanda, sena wara, f'logħba ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja. Mifsud baqa' jiskorja regolarment u minbarra li hu l-aqwa skorer tat-tim nazzjonali, huwa kontra kull pronostiku li player Malti jimxi daqshekk 'il quddiem f'dan il-livell internazzjonali.

Mifsud bħala attakkant prolifiku beda l-karriera tiegħu ma' Sliema Wanderers fejn qed jerġa' jilgħab illum fejn darbtejn kien spiċċa l-aqwa skorer qabel mar jilgħab ma' Kaiserslautern fil-Ġermanja u ma' Lillestrom fin-Norveġja, fl-ogħla diviżjoni.

Minn hemm kompla miexi 'l quddiem u ingħaqad ma' Coventry City fl-Ingilterra. Ma' dan it tim għamel isem għalih personali meta skorja darbtejn kontra Man Utd waqt logħba tal-League Cup f'Settembru 2007. Wara dawn il-goals il-ġurnal *Gazzetta dello Sport* laqqam lil Mifsud bħala l-"Messi ta' Malta".

F'Malta, Misud lagħab ukoll ma' Valletta u Qormi u kellu perjodu qasir fl-Australian Major League ma' tim minn Melbourne qabel irritorna jilgħab ma' Sliema Wanderers.

Fl-2001 u fl-2003, rebaħ l-unur tal-Isportiv tas-Sena u dan huwa prova li Mifusd kien popolari ma' sportivi oħrajn u mhux ma' dawk li jsegwu l-futbol biss.

Din hija prova ċara kemm Mifsud għamel isem għalih u għal Malta matul il-karriera professjonali tiegħu.









# It-tim nazzjonali

## Under 17 fit-tielet post f'tournament fl-Italja

It-tim nazzjonali ta' Taħt is-17-il sena immexxi mill-kowċ Sergio Soldano, li fl-aħħar ta' dan ix-xahar mar il-Finlandja biex jieħu sehem f'round ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonat Ewropew, ħa sehem f'tournament internazzjonali f'Pinerolo, fl-Italja, u spicca fit-tielet post.

It-tim kellu wirjiet tajbin u minn erba' logħbiet rebaħ tlieta u tilef waħda, skorja 10 goals u sofra tlieta.

It-tim Malti fetaħ b'rebħa ta' 1-0 kontra Cuneo b'goal ta' Kyle Gatt. Fit-tieni logħba, it-tim Malti għeleb lil Bagiacalupo minn Turin 4-0, b'goals ta' Owen Magri, Kyle Gatt, Miguel Mifsud u Jan Busuttil.

L-aħħar żewġ logħbiet it-tim Malti lagħabhom f'jum wieħed. Beda biex tilef is-semi-finali kontra Atalanta 3-0, iżda tliet sigħat wara rebaħ il-logħba għat-tielet post kontra Vicenza 5-0.

It-tournament intrebaħ minn Atalanta li fil-final għelbu lit-tim Ungeriż ta' Debrecen, 3-0.

***Il-players li Soldano kellu għad-dispożizzjoni tiegħu għal dan it-tournament kienu dawn:***

- Lydon Moore (Hamrun S. FC)
- Al Tumi Rashid (Valletta FC)
- Zachary Carl Grech (Pembroke Ath FC)
- Gary Camilleri (Balzan FC)
- Jeremy Busuttil (Hamrun S. FC)
- Gianluca Bugeja (Rabat Ajax FC)
- Cleavon Sciberras (Valletta FC)
- Kurt Shaw (Sliema Wanderers)
- Luca Gatt (Floriana FC)
- Miguel Mifsud (Sliema W. FC)
- Andre Spiteri (Hibernians FC)
- Owen Magro (Hibernians FC)
- Neill John Cutajar (Kirkop Utd)
- Omar Elouni (Sliema W. FC)
- Gianluca Zammit (Birkirkara FC)
- Jurgen Gech (Sliema W. FC)
- Nicholas Farrugia (Birkirkara FC)
- Kyle Gatt (Mosta FC)
- Jan Busuttil (Pieta H FC)
- Neil Frendo (Mosta FC)

*Id-delegazzjoni tmexxiet minn Robert Gatt, direttur taċ-Ċentru Tekniku megħjun minn David Do Nascimento, Youth Development Officer.*




# Peter Pullicino

## maħtur coach tat-tim nazzjonali tal-Futsal

Il-Malta Football Association ħatret lil Peter Pullicino kowċ tat-tim nazzjonali Malti tal-Futsal.

Is-Sur Pullicino se jkun assistit minn Zeljko Ancic, filwaqt li John Mizzi kien ikkonfermat segretarju tal-iskwadra nazzjonali. Leandros Calleja kien ikkonfermat bħala l-fiżjoterapista tal-iskwadra u Mark Sammut, il-kit manager.

Dawn il-ħatriet u konfermi saru qabel l-impenji nazzjonali f'partiti ta' ħbiberija u l-partiti mill-Grupp C ta' Kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja.

Malta se tilgħab żewġ partiti ta' ħbiberija kontra San Marino, f'San Marino bejn il-25 u t-28 ta' Settembru.

Dawn il-partiti se jservu bi tħejjija għall-partiti minn Grupp C ta' Kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja tal-Futsal li se jintlagħbu bejn l-20 u s-26 ta' Ottubru, fil-Litwanja.

TALOCAN
GAME ON

# Talocan sponsor ġdid għat-timijiet nazzjonali

Il-Malta Football Association ħabbret li laħqet ftehim ta' tliet snin ma' Talocan Limited biex ikun it-tieni sponsor tad-deheb għat-timijiet nazzjonali.

Li ssib msieħeb strateġiku hu ferm importanti għall-MFA għas-snin li ġejjin meta qed tfittex li tkabbar il-logħba kemm fin numru kif ukoll fil-livell.

L-istruttura u l-programmi li l-MFA riedet tilħaq f'dawn l-aħħar snin ħallew impatt kbir fuq l-iżvilupp tal-logħba lokali, waqt li l-bidla li saret minn sponsorship tradizzjonali għall-kunċett ta' Brand Communication qed jagħti spazju lill-partners tal-MFA li jkollhom aktar opportunitajiet kummerċjali qed irendu l-valur għall-flus fl-investiment li jsir mill-isponsors.

L-MFA fis-snin li ġejjin qed taħseb biex taħdem biex tiżviluppa struttura ta' sponsorship f'attentat biex jitkabbar u jiżdied in-numru ta' sponsorship biex ikun hemm aktar pakketti u fl-istess ħin biex jitjieb il-kuntatt mal-partitarju u l-programmi ta' lealtà.

Fi stqarrija r-rappreżentanti ta' Talocan Ltd stqarrew li huma kuntenti li huma sieħba tal-MFA u li qed jagħtu appoġġ lill-isport għal tim fejn il-fair play jikkaratterizza lill-plejers u lill-udjenza.

Il-futbol Malti għandu potenzjal eccellenti u Talocan Ltd se tgħin lill-amministrazzjoni preżenti tal-MFA fil-ħidma tagħha biex tasal fil-livell li jmiss.

Talocan se jingħaqdu ma' FXDD u Cisk, li huma sponsors fil-livell platinum u deheb għat-timijiet nazzjonali rispettivament.



# Imniedi l-ewwel kors

## UEFA-Pro f'Malta

Nhar is-Sibt, 12 ta' Settembru, iċ-Ċentru Tekniku tal-MFA nieda l-ewwel kors UEFA-Pro organizzat f'Malta.

Il-kors infetaħ mill-president tal-MFA Norman Darmanin Demajo li fid-diskors tiegħu tal-ftuħ tkellem dwar il-viżjoni tal-MFA li qed taħdem biex tagħmel il-futbol Malti aktar professjonali u kif din l-aħħar inizjattiva taċ-Ċentru Tekniku tinkwadra eżatt f'din il-viżjoni.

Dany Ryser, instructor tal-UEFA Jira Panel indirizza l-parteċipanti fejn fissrilhom kif dan il-kors se jaffettwa l-coaching f'Malta u jkompli jgħolli l-livell tal-futbol Malti.

Għall-kors qed jattendu 20 kowċis li ġejjin minn diversi klabbs ta' diviżjonijiet ogħla differenti u t-timijiet nazzjonali.

Dan il-kors hu mifrux fuq 420 siegħa ta' xogħol fuq sentejn li jispiċċa f'Mejju, 2017.

Il-kors mistenni jilħaq livell għoli ħafna ta' coaching għall-pajjiżna.




© Di Aquilina

# Organizzata l-ewwel

## *Grassroots Week* mill-UEFA



Il-UEFA inawgurat l-ewwel UEFA Grassroots Week mis-7 sat-13 ta' Settembru. Dan sar waqt il-ġimgħa ddedikata lill-isport mill-Kummissjoni Ewropea. Matul dik il-ġimgħa, il-UEFA talbet lill-membri kollha affiljati magħha biex jinkoraġixxu, jiffaċilitaw u jippromwovu l-parteċipazzjoni fil-logħba tal-futbol. F'Malta, permezz tan-nurseries, l-MFA organizzat għadd ta' attivitajiet. Id-Dipartiment Tekniku tal-MFA u l-YFA flimkien ikkoordinaw il-programm ta' attivitajiet.

Pembroke u Marsaxlokk fetħu l-ġimgħa, nhar il-Vitorja, fejn iż-żewġ klabbs organizzaw attivitajiet. Marsaxlokk għamlu attivitajiet għal subien u bniet bejn it-9 u t-13-il sena u Pembroke ingħaqdu ma' Melita għal nofs ta' nhar ta' futbol.

Fl-10 ta' Settembru ir-reġjun ta' Għawdex organizza attività oħra għal tfal li twieldu bejn l-2002 u l-2005 li kienu taħt il-gwida ta' diversi coaches immexxija minn Raymond Attard li hu l-MFA Regional Coach. L-attivitajiet saru fil-Gozo Stadium.

Rabat Ajax, Gaxaq FC u Dingli Swallows ukoll ħadu sehem f'din il-ġimgħa ta' futbol. Huma organizzaw attivitajiet flimkien man-nurseries ta' Attard, Pietà u Mqabba. Dawn tal-aħħar ħadu sehem fil-Malta Sport Event li sar fil-Kumpless tal-Isport ta' Kirkop.

Mġarr għalqu l-ġimgħa ta' attivitajiet, fit-13 ta Settembru, b'attività għat-tim tal-bniet ta' Taħt it-13-il sena waqt li n-nursery ta' Mqabba ħadet sehem f'tournament round robin.

In-nurseries kollha li ospitaw dan l-avveniment ingħataw footballs u T-shirts provduti mill-UEFA waqt li n-nurseries l-oħra li ħadu sehem se jingħataw footballs.

# *Training Camp* ġewwa l-Awstrija għall-*Elite Referees*




Għar-raba' sena konsekuttiva, id-Dipartiment tar-Refereeing organizza b'suċċess *training camp* ta' ħamest ijiem għall-uffiċjali fil-kategoriji *Elite* u *Elite Development* bit-tema 'Aiming Higher'.

Dan sar ġewwa Lindabrunn, l-Awstrija, bejn il-31 ta' Awwissu u l-4 ta' Settembru 2015, li għalih attendew 35 uffiċjal u li kienu jinkludu r-referi internazzjonali mir-Rumanija Istvan Kovacs u r-referi tal-kategorija Elite mir-Repubblika Irlandiża, Robert Harvey, minħabba l-kollaborazzjoni li hemm maż-żewġ pajjiżi.

L-*instructor* ewlieni kien l-Ingliż Steve Bennett, filwaqt li l-*instructors* Charles Agius, Philip Agius, Alexander Arena, Kevin Azzopardi u Adrian Casha kkontribwew fil-parti teoretika ta' dan it-taħriġ. Ronald Zammit ħa ħsieb il-preparazzjoni fiżika tal-parteċipanti.

Ir-referi internazzjonali mill-Awstrija Harald Lechner kien *guest speaker* waqt dan is-seminar u qasam l-esperjenza tiegħu dwar is-suġġett *Teamwork* u *Cooperation.*

Il-parti prattika ta' dan is-seminar kienet tinkludi eżerċizzji varji li permezz tagħhom ir-referis u l-assistenti referis ġew preżentati b'sitwazzjonijiet ta' fouls u offsides bil-parteċipazzjoni ta' xi plejers żgħażagħ, li ħolqu għadd ta' sitwazzjonijiet li kienu jinħtieġu l-intervent f'waqtu tal-parteċipanti, wieħed wara l-ieħor.

Il-mawra tar-referis Maltin fl-Awstrija ġibdet l-attenzjoni tal-istazzjon nazzjonali ORF (Osterreichischer Rundfunk, li ffilmja sessjoni ta' taħriġ u eżerċizzji prattiċi u ħa l-kummenti tal-*FIFA Instructor*





Steve Bennett, id-Direttur tar-Refereeing Adrian Casha, u r-referis internazzjonali Esther Azzopardi u Clayton Pisani.

Żjarat oħrajn li saru lir-referis Maltin waqt dan it-*training camp* kienu minn Keith Azzopardi, l-Ambaxxatur Malti ġewwa l-Awstrija u minn Robert Sedlacek, iċ-*Chairman* tal-Kumitat tar-Referis ġewwa l-Awstrija.

# Seminar f'Għawdex għan-*National* u l-*Grassroots Referees*





Bejn it-28 u t-30 ta' Awwissu 2015, id-Dipartiment tar-Refereeing organizza seminar għan-*National* u l-*Grassroots Referees* ġewwa Għawdex bit-tema 'Aiming Higher', li għalih attendew 60 parteċipant.

L-*instructors* matul dan is-seminar kienu Charles Agius, Philip Agius, Alexander Arena, Kevin Azzopardi u Adrian Casha. Il-kowċ Mark Buttigieg kien *guest speaker* u tkellem dwar *The referee from a Coach's Perspective.*

Ir-referi internazzjonali Alan Mario Sant indirizza lill-parteċipanti dwar l-esperjenza tiegħu *Reaching the Top*.

Minbarra xogħol fi gruppi, dan is-seminar kien jinkludi wkoll *Laws of the Game Trivia*, li għalih l-assistent referi Rennie Camilleri ġie ppremjat għall-ogħla punteġġ miksub. Il-parteċipanti kienu ttestjati wkoll fl-għarfien tal-interpretazzjoni tar-regolament tal-*Offside* u fil-livell tal-lingwa Ingliża.

Il-qofol ta' dan is-seminar kienet il-partita ta' ħbiberija bejn Kercem Ajax u Mqabba (2-3), li ntlagħbet ġewwa l-Kercem Stadium u li ġiet ikkontrollata minn tliet uffiċjali waqt dan is-seminar quddiem il-bqija tal-parteċipanti – ir-referi Daniel Portelli megħjun mill-assistenti referis Andrè Psaila u Ivan Galea. Il-parteċipanti analizzaw fid-dettall il-kontroll ta' din il-partita, bl-għajnuna ta' filmati miġbuda mill-*cameraman* tal-MFA, Mario Pisani.

F'għeluq dan is-seminar, id-Direttur tar-Refereeing Adrian Casha ppreżenta l-unur għall-aqwa riżultati miksuba fit-testijiet li saru lill-*Grassroots Referee* Andrea Naudi, filwaqt li l-*Grassroots Referees* Ezekiel Barbara u Preston Carbonaro rebħu l-unur għall-aħjar impenn.

Ir-referi nazzjonali Darko Stankovic ngħata l-unur tal-aktar referi dedikat.




# Partita mill-Kampjonat Ewropew ta' Taħt il-21 Sena għal Adrian Azzopardi

Ir-referi internazzjonali Adrian Azzopardi kien appuntat mill-UEFA sabiex jikkontrolla l-partita ta' kwalifikazzjoni minn Grupp 4 tal-Kampjonat Ewropew ta' Taħt il-21 Sena bejn Liechtenstein u l-Greċja (0-2) ġewwa l-iSportpark Eschen-Mauren fil-belt ta' Eschen, nhar it-Tnejn 7 ta' Settembru 2015.

Jurgen Spiteri u Christopher Francalanza kienu l-assistenti referis ta' Adrian Azzopardi f'dan il-konfront, filwaqt li Mario Apap kien ir-raba' uffiċjal.

Bosco Jovanetic mis-Serbja kien l-assessur tar-referis Maltin, filwaqt li Borja Bilbao minn Spanja kien id-Delegat tal-UEFA.





# Partita oħra ta' kwalifikazzjoni għall-EURO 2016 għal Clayton Pisani

Nhar it-Tlieta 8 ta' Settembru 2015, Clayton Pisani kkontrolla partita oħra ta' kwalifikazzjoni għall-EURO 2016. L-impenn tiegħu kienet il-partita minn Grupp E bejn il-Litwanja u San Marino (2-1) ġewwa l-LFF Stadionas, Vilnius, il-Litwanja.

Clayton Pisani kien megħjun mill-assistenti referis Alan Camilleri u Edward Spiteri, l-assistenti referis addizzjonali Alan Mario Sant u Marco Borg, u r-raba' uffiċjal Duncan Sultana.

Marian Ruzbarsky minn Slovenja kien appuntat mill-UEFA sabiex jassessja l-prestazzjoni tal-uffiċjali Maltin, filwaqt li Florian Prunea mir-Rumanija kien id-delegat tal-UEFA għal dan il-konfront.





# Alan Mario Sant jirreffja lit-tim nazzjonali Ingliż ta' Taħt il-21 Sena

Il-ħidma bla heda tad-Dipartiment tar-Refereeing tal-MFA mmexxi mid-Direttur Adrian Casha wasslet biex l-Assoċjazzjoni Ingliża tal-Futbol tistieden terna arbitrali Maltija għall-partita internazzjonali ta' ħbiberija bejn l-Ingilterra ta' Taħt il-21 Sena u l-Istati Uniti ta' Taħt it-23 Sena (1-0).

Din il-partita internazzjonali ta' ħbiberija ntlagħbet ġewwa Deepdale fi Preston, l-Ingilterra, nhar il-Ħamis 3 ta' Settembru 2015, u kienet ikkontrollata mir-referi internazzjonali Alan Mario Sant, megħjun mill-assistenti referis Roberto Vella u Luke Portelli. L-Assoċjazzjoni Ingliża appuntat lil Steve Martin bħala r-raba' uffiċjal f'din il-partita.

Dan l-*appointment* jikkonferma l-fiduċja sħiħa li għandhom assoċjazzjonijiet kbar tal-futbol fir-referis Maltin.

# Sessjoni ta' Taħriġ mhux tas-soltu għall-Assistenti Referis



Is-sessjoni ta' taħriġ għall-assistenti referis li saret, nhar it-Tnejn 14 ta' Settembru 2015, kienet waħda mhux tas-soltu.

Dan għaliex minbarra ġirja qalb l-għelieqi bejn iċ-Ċirkewwa u Paradise Bay, l-assistenti referis għamlu siegħa canoeing sabiex isaħħu l-muskoli tal-*upper body* tagħhom.

Philip Agius huwa l-persuna responsabbli mit-taħriġ speċjalizzat tal-assistenti referis, filwaqt li Ronald Zammit huwa l-uffiċjal responsabbli mill-kundizzjoni fiżika tagħhom.

M'hemmx dubju li l-ingaġġ ta' Philip Agius bħala speċjalista tal-assistenti referis qiegħed iħalli l-frott mixtieq, għaliex f'dawn l-aħħar erba' snin mill-ħatra tiegħu, il-livell tagħhom ogħla u l-kontribuzzjoni tagħhom saret ferm aktar preċiża, speċjalment fejn tidħol l-interpretazzjoni tar-regolament numru 11 – *Offside*.



Graziano Pellé jiskorja għall-Italja kontra Malta

# Telfa minima **kontra l-Italja**

Kellu jkun l-attakkant Graziano Pellè li reġa' kkastiga lill-Maltin, hekk kif l Italja għelbu lil Malta bl-iskor minimu ta' 1-0 fi Stadio Artemio Franchi, ġewwa Firenze, liema partita kienet valida mir-round ta' kwalifikazzjoni tal-Euro 2016.

Dan hekk kif lura għat-13 ta' Ottubru tas-sena li għaddiet, l-istess Pellé, li jilgħab ma' Southampton, skorja l-goal waħdani li ta rebħa identika lil Italja kontra Malta.

Il-Maltin kellhom wirja ferm qalbiena speċjalment fl-ewwel taqsima fejn urew dixxiplina tattika eċċellenti u passes mill-aqwa kull meta kienu fil pussess tal-ballun.

Kif mistenni t-Taljani ħarġu fuq l-offensiva u, wara biss tliet minuti, freekick talmidfieder ta' New York City fl-Istati Uniti, Andrea Pirlo, ġie mdawwar f'corner minn Alfred Effiong, li kien qed jgħin lil sħabu fil-barriera.

It-team nazzjonali Taljan, immexxi minn Antonio Conte, kompla fuq l-offensiva u fl-14-il minuta xutt ta' Graziano Pellè minn ġol kaxxa ġie mxellef f'corner minn Andrei Agius. Il-Maltin rrispondew għall-ewwel darba permezz ta' xutt fil-baxx ta' Rowen Muscat mid-distanza li ġie milqugħ mingħajr diffikultà mill-goalkeeper u captain tal-Italja, Gianluigi Buffon.

Fit-23 minuta, l-Italja ħolqu l-periklu meta minn corner ta' Andrea Pirlo, għola tajjeb Graziano Pellé li iżda ra t-tentattiv tiegħu minn daqqa ta' ras jgħaddi ftit għoli minn fuq il-lasta difiża minn Andrew Hogg.

Fid-29 minuta, Alfred Effiong kien ferm viċin li jiftaħ l-iskor għall-Maltin iżda ra x-xutt angulat tiegħu jgħaddi ftit ċentimetri barra mil-lasta difiża minn Gianluigi Buffon.





Taqtiegħa għall-ballun bejn Andrè Schembri (Malta) u Marco Verratti (Italja)



Alfred Effiong (Malta) segwit minn Andrea Bertolacci (Italja)

Alfred Effiong (Malta) imwaqqa' minn Giorgio Chiellini (Italja)





André Schembri (Malta) jikkommetti foul fuq Andrea Pirlo (Italja)

Fis-36 minuta, xutt tal-player ta' AC Milan Andrea Bertolacci għat-Taljani, ġie devjat għal corner mid-difensur versatili Malti, Steve Borg.

It-Taljani rrispondew żewġ minuti biss wara, meta b'azzjoni personali Eder ġibed lejn in-nofs u minn barra l-kaxxa fajjar xutt li għadda ma' sieq il-lasta, b'Andrew Hogg megħlub għal kollox.

Fis-56 minuta, xutt angulat ta' Matteo Darmian ġie mxellef mill-goalkeeper Malti Andrew Hogg biex ċaħħad lit-Taljani milli jsibu x-xibka. U żewġ minuti biss wara xutt ta' Manolo Gabbiadini għat-team immexxi minn Antonio Conte stampa mal-mimduda.

Fit-62 minuta, xutt ta' Graziano Pellè għat-Taljani ta l-illużjoni tal-goal hekk kif ħabat max-xibka minn barra. Fid-69 minuta, it-Taljani fetħu l-iskor meta minn cross ta' Antonio Candreva, il-goalkeeper Malti Andrew Hogg ħareġ ħażin, il-ballun ħabat ma' id GRAZIANO PELLÉ biex irnexxielu jsib lx-xibka.

Fid-79 minuta, t-Taljani kienu għoddhom irdoppjaw iżda kellu jkun Andrew Hogg li patta għall-iżball li għamel ftit qabel meta wettaq save spettakolari fuq xutt angolat minn ġol-kaxxa ta' Marco Parolo.

**03.09.2015 - 20.45 hrs**

| | |
|---|---|
| **Italja** | 1 |
| G. Pellé 69 | |
| **Malta** | 0 |

**HT 0-0 Artemio Franchi - Firenze**

**Italja** – 1-Gianluigi Buffon, 3-Giorgio Chiellini, 4-Matteo Darmian, 8-Andrea Bertolacci (18-Marco Parolo 56), 10-Marco Verrati (14-Roberto Soriano 78), 17-Eder, 19- Leonardo Bonucci, 20-Graziano Pellé, 21-Andrea Pirlo, 22-Manolo Gabbiadini (6-Antonio Candreva 64), 23-Manuel Pasqual
*Coach* – Antonio Conte

**Malta** – 1-Andrew Hogg, 2-Alex Muscat, 5 Andrei Agius, 6 Paul Fenech, 7 Clayton Failla, 8-Roderick Briffa (4-Gareth Sciberras 90), 11-Rowen Muscat, 13-André Schembri (18-Bjorn Kristensen 73), 15- Steve Borg, 19-Alfred Effiong (9-Michael Mifsud 92), 22-Zach Muscat
*Coach* – Pietro Ghedin

**Referee** – Ivan Kruzilak (Slovakkja)
**Assistenti** – Tomas Somolani, Tomas Mokos (Slovakkja)
**Raba' Uff.** – Ondrej Brendza (Slovakkja)
**Ammoniti** – P. Fenech (M); A. Candreva (I)
**Attendenza** – 13,000

# Rimonta Maltija

## għal riżultat ġust



Badavi Huseynov (Azerbaijan) jirbaħ il-ballun fil-preżenza ta' Alfred Effiong (Malta)

Il-formazzjoni inizjali ta' Malta kontra l-Azerbaijan

B'wirja sodisfaċenti fit-tieni taqsima, Malta kisbet it-tieni punt fl Grupp H, meta spiċċat fi draw ta' 2-2 kontra l-Azerbaijan f'logħba mir-round ta' kwalifikazzjoni tal-Euro 2016. Goals ta' Michael Mifsud u Alfred Effiong għenu lit-team Malti jwettaq rimonta, wara li l-Azerbaijan marru fil-vantaġġ minn Rahid Amirguliyev fl-ewwel taqsima. Iżda kien l-istess Amirguliyev li skorja l-goal tad-draw għaxar minuti mit-tmiem.

Il-wirja tat-team Malti fl-ewwel taqsima kienet pjuttost diżappuntanti, minkejja l-aspettattivi għoljin wara l wirja pożittiva kontra l-Italja (0-1), erbat ijiem qabel.

Il-coach nazzjonali Pietro Ghedin wettaq żewġ bidliet mill-aħħar konfront kontra l-Italja meta beda lill-attakkant Michael Mifsud u lid-difensur Ryan Camilleri mal-ewwel ħdax, fil-post ta' Zach Muscat u Paul Fenech li kien sospiż.

L-Azerbaijan mill-ewwel ħadu l-inizjattiva u fit-12-il minuta cross insidjuż mil-lemin ġie kklerjat b'diffikultà minn Alex Muscat.

Ir-risposta tat-team Malti waslet minuta wara meta André Schembri għadda l-ballun lejn Alfred Effiong fil-kaxxa, iżda Badavi Huseynov interċetta qabel l-attakkant Malti seta' jkun ta' periklu.

Fis-36 minuta, l-Azerbaijan fetħu l-iskor meta xutt ta' RAHID AMIRQULIEV ġie ddevjat minn Steve Borg, bil-ballun iqarraq għal kollox bil-goalkeeper Andrew Hogg.

Fit-tieni taqsima, il-Maltin ħargu aktar determinati u ssieltu għal kull ballun. Iżda kienu l-Azerbaijan li ħolqu l-periklu meta, fid-49 minuta, Alex Muscat tefa' f'corner qabel Javid Taghiyev seta' jikkonkludi.



Michael Mifsud jagħmel in-numru 40 b'idejh .... it-total personali ta' goals ma' Malta





Ryan Camilleri (Malta) jantiċipa bir-ras lil Rahid Amirguliyev (Azerbaijan)



Andrei Agius (Malta) jattakka lil Badavi Huseynov (Azerbaijan)

Fil-55 minuta, il-Maltin kisbu d-draw meta André Schembri seraq ballun f'nofs il-ground, għadda lejn Alfred Effiong li kkontrolla tajjeb biex xeħet il-ballun fin-nofs lejn MICHAEL MIFSUD li kien pront spara l-ballun fix-xibka biex skorja l-40 goal personali bil-flokk nazzjonali.

Fis-60 minuta, il-goalkeeper Hogg wettaq save stupend fuq xutt b'saħħtu ta' Afran Ismayilov. Erba' minuti wara, l-avversarji resqu viċin li jmorru fil-vantaġġ meta cross mil-lemin ta' Afran Ismayilov tniżżel bir-ras minn Rahid Amirguliyev bix-xutt finali ta' Ruslan Gurbanov jistampa mal-mimduda.

It-team Malti mar fil-vantaġġ, fil-71 minuta, meta minn *through pass* ta' André Schembri, ALFED EFFIONG b'xutt potenti tefa' fir-rokna tax-xibka. Fit-78 minuta, l-goalkeeper Hogg dawwar il-ballun f'corner fuq xutt mill-viċin ta' Araz Abdullayev.

Azerbaijan kisbu l-goal tad-draw fit-80 minuta meta RAHID AMIRGULIYEV b'xutt minn barra l-kaxxa għeleb għal darb'oħra lil Hogg. Dan il-goal reġa' mela lill-avversarji b'kuraġġ biex ippressaw biex jiksbu l-goal tar-rebħa. Fid-90 minuta, tentattiv ta' Araz Abdullayev għadda fuq il-mimduda.

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Italja | 8 | 5 | 3 | 0 | 11 | 5 | 18 |
| Norveġja | 8 | 5 | 1 | 2 | 10 | 8 | 16 |
| Kroazja | 8 | 4 | 3 | 1 | 16 | 5 | 14 |
| Bulgarija | 8 | 2 | 2 | 4 | 7 | 9 | 8 |
| Azerbaijan | 8 | 1 | 3 | 4 | 6 | 13 | 6 |
| Malta | 8 | 0 | 2 | 6 | 3 | 13 | 2 |

**Kroazja tnaqqsulhom punt*

**06.09.2015 - 18.00 hrs**

**Malta** 2
M. Mifsud 55, A. Effiong 71

**Azerbaijan** 2
R. Amirguliyev 36, 80

HT 0-1 **National Stadium**

**Malta** – 1-Andrew Hogg, 2-Alex Muscat, 5-Andre Agius, 7-Clayton Failla (20-Steve Pisani 84), 8-Roderick Briffa, 9-Michael Mifsud (10-Andrew Cohen 61), 11-Rowen Muscat, 13-Andre Schembri, 15-Steve Borg, 17-Ryan Camilleri (3-Joseph Zerafa 79), 19-Alfred Effiong
*Coach* – Pietro Ghedin

**Azerbaijan** – 1-Kamran Agayev, 2-Gara Garayev, 3-Magomed Mirzabekov, 5- Badavi Huseynov, 10-Ruslan Gurbanov (11-Rauf Aliyev 81), 13-Dmitri Nazarov (6-Rashad A. Sadygov 70), 14-Rashad F. Sadygov, 19-Rahid Amirguliyev, 20-Javid Taghiyev, 21-Arif Dashdemirov, 22-Afran Ismayilov (7-Araz Abdullayev 73)
*Coach* – Robert Prosinecki

Referee – Harald Lechner (Awstrija)
Assistenti – Maximilian Kolbtisch, Andreas Staudinger (Awstrija)
Raba' Uff. – Andreas Heidenreich (Awstrija)
Ammoniti – A. Effiong (M)

# Draw prestiġjuż kontra l-Montenegro wara telfa kontra r-Repubbblika Ċeka




Il-formazzjoni inizjali Maltija li lagħbet kontra r-Repubblika Ċeka

Matul dan ix-xahar, it-team nazzjonali ta' Taħt il-21 sena, taħt it-tmexxija tal-coach Silvio Vella, lagħab żewġ partiti, barra minn xtutna, minn Grupp 1 tar-round ta' kwalifikazzjoni tal-Kampjonat Ewropew.

Fl-ewwel partita, it-team Malti lagħab kontra t-team qawwi tar-Repubblika Ċeka fejn ħareġ tellief bl-iskor ta' 4-1 bil-goal Malti jasal mill-attakkant Luke Montebello.

Iżda fit-tieni logħba, li ntlagħbet erbat ijiem wara, il-Maltin irnexxielhom jiksbu draw perstiġjuż ta' 0-0 kontra l-Montenegro li kienu għadhom ġejjin minn telfa ta' 1-0 kontra l-Moldova.

Wara dan id-draw, il-Maltin telgħu fit-tieni post tal-klassifika, b'ħames punti, wara l-leaders Belġju li għandhom punt aktar.

Fil-kummenti tiegħu, il-coach esprima s-sodisfazzjon tiegħu għal dan il-punt miksub: "Meta lgħabna kontra r-Repubblika Ċeka konna konxji li konna qed nilagħbu kontra wieħed mill-aqwa timijiet tal-grupp.

"Iżda, fil-veritá ma tantx kont kuntent għal mod kif lgħabna matul l-ewwel taqsima hekk kif sofrejna żewġ goals matul l-ewwel 20 minuta.

"Iżda mbagħad erġajna dħalna fil-logħba meta naqqasna l-marġni tal-iskor. Peró dħalna fl-iżvantaġġ ta' 3-1 lejn it-tmiem tal-ewwel taqsima li rrid nistqarr li dan il-goal kisser kemmxejn il-moral tal-players.

"Fit-tieni taqsima rnexxielna nirriorganizzaw lilna nfusna fejn bdejna wkoll niffrustraw lill-avversarji tagħna li riedu jiskorjaw ħafna goals.

"Għall-konfront kontra l-Montenegro tkellimna biex ma jiġux ripetuti l-iżbalji li ġew kommessi fil-logħba pre-ċedenti. Ma stajniex naffordjaw nirrepetu dawk



Johan Bezzina (Malta) jirbaħ tackle kontra Robert Hruby (Rep. Ċeka)



Daniel Zerafa (Malta) itajjar minn fuq Ales Cermak (Rep. Ċeka)



Kyle Cesare (Malta) imdawwar bi players tal-Montenegro



Joseph Mbong (Malta) jattakka lil Vukan Savicevic (Montenegro)



Il-formazzjoni inizjali Maltija li lagħbet kontra l-Montenegro

l-istess żbalji li għalihom ġejna kkastigati.

"Jien kelli fiduċja netta fil-players li kienu kapaċi jagħtu wirja aħjar minn dik ta' kontra r-Repubblika Ċeka kif fil-fatt ġara. Ma kinetx faċli għax it-team nazzjonali ta' din il-kategorija tal-Montenegro huwa wieħed qawwi fejn għandu wkoll diversi players li jilagħbu barra mill-pajjiż.

"Waqt il-mistrieħ tal-logħba kontra Montenegro, għedt lill-players biex nipprovaw inżommu l-ballun f'saqajna minħabba li matul l-ewwel taqsima bdejna nitilfu l-pussess tal-ballun.

"Ma kinitx partita faċli għall-fatt ukoll li l-Montenegro kienu ġejjin minn telfa u l-fatt li lagħbu quddiem il-pubbliku tagħhom stess, l-aspettattivi kienu għoljin.

"Ninsab sodisfatt ħafna għax il-players urew determinazzjoni massima u baqgħu konċentrati sal-aħħar. Anzi, nazzarda ngħid li l-aħjar ċans tal-logħba wasal għandna bil-protagonista jkun Kyle Cesare. Għaldaqstant il-players kollha jimmeritahom kull tifħir."

Fuq bażi personali, meta mistoqsi x'kien ifisser dan ir-riżultat għal Silvio Vella biex laħaq ir-rekord ta' ħames punti tal-coach Ray "Żażu" Farrugia meta kien imexxi lit-team nazzjonali, b'mod mill-aktar modest huwa sostna:

"Mhux qed inħares lejn dan ir-rekord iżda qed nikkonċentra biss kif nistgħu ntejbu l-prestazzonijiet tagħna konxji mill-fatt li ninsabu fi grupp diffiċli. Barra minn hekk ninsab kuntent ħafna minħabba li l-players qed jirreċiprokaw b'mod mill-aktar pożittiv."

**Klassifika**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Belġju | 2 | 2 | 0 | 0 | 4 | 1 | 6 |
| Malta | 4 | 1 | 2 | 1 | 3 | 5 | 5 |
| Montenegro | 3 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 4 |
| Moldova | 4 | 1 | 1 | 2 | 2 | 3 | 4 |
| Rep. Ċeka | 2 | 1 | 1 | 0 | 5 | 2 | 4 |
| Latvja | 3 | 0 | 1 | 2 | 2 | 5 | 1 |

**04.09.2015 - 18.30 hrs**

Repubblika Ċeka 4
P. Schick 10, 21, A. Cermak 40, R. Hruby 56

Malta 1
L. Montebello 37

HT 2-1 **Strelnice Stadium - Jablonec**

**Rep. Ċeka** – Vojtech Vorel, Ales Mateju, Michael Luftner, Ales Cermak (Daniel Tetour 70), Robert Hruby, Michal Travnik, Patrik Schick (Zdenek Linhart 82), Vaclav Cemy (Stanislav Klobasa 64), Marek Havlik, Daniel Holzer, Filip Kasa

*Coach* – Rahim Hasanov

**Malta** – Jurgen Borg, Emanuel Briffa, Samir Arab, Daniel Zerafa, Ryan Camenzuli, Luke Montebello, Johan Bezzina (Terence Vella 62), Brandon Muscat (Joseph Mbong 74), Kyle Cesare (Conor Borg 84), Llywelyn Cremona, Cain Attard

*Coach* – Silvio Vella

**Referee** – Rahim Hasanov (Azerbaijan)

**Assistenti** – Namik Huseynov, Vagif Musayev (Azerbaijan)

**Raba' Uff.** – Aliyar Aghayev (Azerbaijan)

**Ammoniti** – J. Bezzina, L. Cremona (M)

**08.09.2015 - 18.30 hrs**

Montenegro 0

Malta 0

**Gradski Stadium - Podgorica**

**Montenegro** – Marco Kordic, Deni Hocko, Ilija Tucevic (Luka Maras 84), Igor Vujacic, Boris Kopitovic, Luka Djordjevic, Marko Jankovic, Milan Vusurovic, Vukan Savicevic (Andrija Vukcevic 72), Filip Kukulicic (Uros Duranovic 63), Mirenes Pepic

*Coach* – Mojas Radonjic

**Malta** – Matthew Calleja Cremona, Emanuel Briffa, Samir Arab, Ryan Camenzuli (Brandon Muscat 87), Luke Montebello (Kurt Zammit 94), Johan Bezzina, Kyle Cesare, Matthew Guillaumier, Joseph Mbong, Llywelyn Cremona, Cain Attard

*Coach* – Silvio Vella

**Referee** – Charalambos Kalogeropoulos (Greċja)

**Assistenti** – Christos Baltas, Chasan Koula (Greċja)

**Raba' Uff.** – Alexandros Aretopoulos (Greċja)

**Ammoniti** – M. Guillaumier, S. Arab, B. Muscat (Mt); M. Jankovic, D. Hocko, U. Duranovic (Mn)

# HIBERNIANS leaders assoluti




Wara r-raba' ġurnata tal-Kampjonat Premier, iċ-champions Hibernians telgħu waħedhom fil-quċċata tal-klassifika wara li, fid-derby kontra Tarxien Rainbows, ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 1-0 biex flimkien ma' Balzan huma l-uniċi żewġ timijiet li ma ġewx megħluba.

Balzan, jidhru li se jerġgħu jkunu t-team rivelazzjoni hekk kif irreġistraw it-tielet rebħa fuq Valletta fl-istorja tal-club. Huma ħarġu rebbieħa bl-iskor minimu ta' 1-0 kontra team li kellu moral mill-aktar għoli hekk kif kien ġej minn rebħa "kbira" kontra Birkirkara li tant kienu attivi fis-suq tat-trasferimenti u li bnew skwadra qawwija biex jisfidaw għall-unuri.

Għaldaqstant, Valletta sofrew l-ewwel telfa tal-istaġun li sat-tielet ġurnata kienu qed igawdu l-ewwel post flimkien ma' Mosta, li wkoll, sofrew l-ewwel telfa tagħhom tal-istaġun meta sfaw megħluba minn Sliema Wanderers bl-iskor ta' 2-1.

Dawn tal-aħħar xejn ma kellhom bidu pożittiv iżda jidher li qed jimmaturaw ma' kull partita biex minn erba' partiti rebħu l-aħħar tnejn wara li tilfu l-ewwel tnejn.

Foto-kopja huma Floriana li wara li tilfu l-ewwel żewġ partiti, rebħu t-tnejn sussegwenti biex telgħu f'nofs il-klassifika.

Wara t-telfa kontra Valletta, Birkirkara rkupraw tant tajjeb b'rebħa ta' 4-1 fuq it-team promoss ta' Pembroke Athleta li reġgħet għollitilhom il-moral.

### Relegation Pool

**06.06.2015**
Exiles Ferretti ........................ 5
Sirens Ritter Sports ............ 11
(1-0, 1-4, 1-4, 2-3)

**29.07.2015**
Valletta McDonald's ........... 11
Exiles Ferretti ..................... 10
(2-4, 2-1, 1-2, 6-3)

**01.08.2015**
Sirens Ritter Sports ............ 14
Valletta McDonald's ............. 7
(2-2, 2-1, 3-3 7-1)

**11.08.2015**
Sirens Ritter Sports ............ 11
Exiles Ferretti ..................... 12
(2-2, 3-2, 5-4, 1-4)

**18.08.2015**
Exiles Ferretti ....................... 9
Valletta McDonald's ............. 8
(3-2, 3-2, 2-1, 1-3)

**21.08.2015**
Valletta McDonald's ............. 9
Sirens Ritter Sports ............ 11
(0-2, 2-2, 2-5, 5-2)



*San Ġiljan jiċċelebraw ir-rebħ tal-Kampjonat tal-waterpolo*



*Guillermo Molina fl-azzjoni għal San Ġiljan kontra Neptunes*






# Il-Ġimgħa Ewropea *tal-Isport*

Il-Ġimgħa Ewropea tal-Isport kienet suċċess għal pajjiżna hekk kif f'ġimgħa mimlija attivitajiet sportivi, 'il fuq minn 10, 000 persuni ipparteċipaw bi ħġarhom fid-diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex.








Il-Ġimgħa Ewropea tal-Isport hija waħda mill-għodod li l-Kummisjoni Ewropea ħolqot biex tgħin fil-ġlieda kontra l-inattività fiżika. L-għan ta' din il-ġimgħa kien li kemm jista' jkun iċ-ċittadini Ewropej jintlaħqu mill-messaġġ #BeActive u jiġu ispirati biex l-attività fiżika, sempliċi kemm hi sempliċi, issir parti minn ħajjithom.

SportMalta, kien il-kordinatur Nazzjonali tal-*European Week of Sport* f'Malta, flimkien ma' bosta klabbs sportivi, entitajiet privati, sponsors, NGOs u oħrajn.

SportMalta ħejja programm vast ta' attivitajiet għal din il-ġimgħa. Matul il-ġimgħa kollha l-pubbliku ħa sehem f'attivitajiet li laqtu kemm is-settur edukattiv, il-postijiet tax-xogħol, attivitajiet sportivi fuq barra kif ukoll attivitajiet f'*gyms* u klabbs sportivi.

Fost l-attivitajiet prinċipali, SportMalta estenda *Summer on the Move* b'ġimgħa b'xejn għal kulħadd.

F'jum ir-Regatta saret l-*Maltco Indoor Rowing Challenge*, attività innovattiva bil-ħsieb li tikkumplimenta













r-regatta nazzjonali, u tressaq aktar nies lejn l-isport tal-qdif.

'Il fuq minn 120 ruħ, fosthom, tfal, anzjani, atleti stabbiliti, persuni b'abbiltajiet differenti u oħrajn, hadu sehem f'din l-attività. Saret wirja taż-żfin 'Elements' fil Kumpless Tal Kottonera bis-sehem ta' 200 parteċipant mill-programm Summer on The Move, kif ukoll SportsFest fil- Kumpless ta' Ħal Kirkop u festa ta' sport u attivitajiet li jippromovu l-attività fiżika fil-Bajja s-Sabiħa ta' Birżebbuġa biex b'hekk temmet il Ġimgħa Ewropea tal Isport F'Malta.

Barra dan kollu, SportMalta ħoloq video biex iħajjar lill-ħaddiema fl-uffiċini biex ikunu aktar attivi fuq il-post tax-xogħol bl-iktar mod sempliċi u bl-inqas tfixkil.

SportMalta jirringrazzja l-pubbliku li ta sehmu matul din l-ġimgħa. SportMalta se jibqa mpenjat biex din il-ġimgħa tibqa' fil-kalendarju ta' attivitajiet prinċipali tiegħu flimkien ma' inizjattivi oħrajn biex ilkoll flimkien ningħaqdu fil-għlieda kontra l-obeżità u l-ħajja inattiva.



SPORTMALTA

# On the move SKOLASPORT

Fis-17 ta' Ottubru 2015 jibda staġun ieħor tal-programm tant popolari tax-xitwa On The Move SkolaSport 2015-16.

On The Move SkolaSport huwa programm estensiv ta' attivitajiet sportivi organizzat minn SportMalta, f'diversi ċentri sportivi madwar Malta u Għawdex.

Din is-sena mistennija jieħdu sehem mal-5,000 persuni f'diversi dixxiplini sportivi, immexxija minn madwar 200 kowċ professjonali. Se jkun hemm dixxiplini popolari malparteċipanti bħal żfin, ġinnastika, basketball, u għawm.

Dan minbarra il-programmi 'FUNdamentals' u 'Mini-Games' immirat għat-tfal bejn l-4 u l-10 snin li għandu l-għan li jintroduċi l-ħiliet sportivi bażiċi fid-diversi dixxiplini.

Għal din is-sena SportMalta bħal snin ta' qabel introduċa dixxiplini ġodda bħal Futsal u l-Ġinnastika Ritmika li diġà kellhom suċċess kbir fil programm









Summer On The Move. Matul is-sena se jkunu qegħdin jitwaqqfu tliet akkademji ġodda tal-Volleyball, Basketball u Ġinnastika bil-kollaborazzjoni tal-assoċjazzjonijiet respettivi bil-għan li l-iktar tfal ta' talent ikomplu jimxu 'l quddiem fl-isport. Dawn l-akkademji jingħaqdu mal-akkademji tat-Triathlon u taż-Żwiemel li kellhom riżultati pożittivi fis-snin li għaddew.

On The Move Skolasport mhuwiex sempliċiment post fejn il-ġenituri jħallu lit-tfal tagħhom u jkomplu bil-qadi tagħhom, iżda huwa post fejn it-tfal jitgħallmu u jikbru flimkien. Dan il-programm huwa l-ewwel tarġa biex iħeġġeġ lit-tfal ikunu attivi biex ikollna soċjetà b'saħħitha fiżikament u mentalment.

SportMalta jixtieq javza lill-pubbliku li l-applikazzjonijiet għall-programm On The Move Skolasport 2015-16 jinsab online fuq is-sit ta' SportMalta billi jsegwi dan il- link http://www.sportmalta.org.mt/bookings-skolasport







## Snooker

# Jiġi fi tmiemu l-istaġun Għawdxi tal-isnooker




Dan l-aħħar bil-finali tal-'Premier League' organizzat mill-Gozo Billiards and Snooker Club ġewwa r-Rabat Għawdex ġie fi tmiemu l-istaġun 2014-2015. Il-Gozo Billiards and Snooker Club ilu jorganizza dawn il-kompetizzjonijiet għal diversi snin.

Il-finali tad-Diviżjoni Premier rat lil Shaun Sultana jirbaħ it-titlu għall-ewwel darba bl-iskor ta 6-0 fuq ir-rivali Jason Vassallo. Il-logħba kienet irrefjata minn Kevin Cassar megħjun mill-marker Charles Camilleri.

Preżenti għall-okkażjoni kien hemm il-Ministru għal Għawdex Dr. Anton Refalo u l-President tas-Soċjeta Filarmonika Leone, sede tal-logħob u tal-Club, Dr. Michael Caruana. Fil-fatt huma ppreżentaw it-trofej lir-rebbieħa u r-runners-up kollha.

**Dawn kienu r-riżultati miksuba matul l-istaġun:**

Gozo Billiards League 2015

Il-Gozo Billiards League 2015 (minn 600 punt) intrebaħ minn Jason Vassallo li fil-finali ħareġ rebbieħ kontra Shaun Sultana 600-488. L-istess Sultana għamel l-ikbar break, dak ta' 105. Fis-semi finali fuq 400 punt, Sultana elimina lil Michael Portelli 400-172, mentri Vassallo għeleb 400-258 lil Emanuel Grech.

Intant iż-żewġ Gruppi kienu spiċċaw hekk: Grupp A: Group A Emanuel Grech, Michael Portelli u Jason Vassallo b'9 punti kull wieħed, Victor Camilleri 6, Walter Mompalao 3 u Charles Camilleri mingħajr punt. Fi Grupp B Jason Portelli spiċċa bi 15-il punt, Shaun Sultana b'9 punti, Kevin Cassar, Daniel Bowker u Manuel Mercieca b'6 u mingħajr punt Charles Spiteri.

**Gozo Snooker League 2015**

Id-Diviżjoni Premier (minn 11-il frame) intrebaħ minn Shaun Sultana meta fil-finali rebaħ lil Jason Vassallo bl-iskor ta' 6-0. F'dan il-Kampjonat ħadu sehem 12-il player. Fil-Klassifika finali Kevin Cassar u Jason Vassallo kellhom 18-il punt; Daniel Bowker, Shaun Sultana u Manuel Mercieca 9 punti, Peter Pace 6 punti u Emanuel Grech 3 punti

Fil-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni (minn 9 frames) ħadu sehem 12-il player. Dan il-Kampjonat intrebaħ minn Jamie Farrugia li fil-finali ħareġ rebbieħ 5-1 kontra Dennis Sciberras. Fil-klassifika finali Joe Pisani spiċċa bi 15-il punt, Sam Sultana u Saviour Vella 12-il punt kull wieħed, Dennis Sciberras u Jamie Farrugia 9 punti kull wieħed, Charles Camilleri 3 u mingħajr punti Jevon Attard.

Fil-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni (minn 7 frames) u bil-parteċipazzjoni ta' 24 player, ħareġ rebbieħ James Sultana li fil-finali għeleb 4-2 lil Michael Portelli mentri Peter Bonello fil-finali għat-tielet u fir-raba' post għeleb 3-1 lil Victor Camilleri bl-iskor ta' 3-1. Fi Grupp A spiċċa fuq quddiem James Sultana b'10 punti, segwit minn Victor Camilleri 9, Peter Bonello u Grazio Pisabi bi 8 kull wieħed, George M. Zammit 4 punti u mingħajr punt spiċċa Simon Peden. Fi Grupp B Chris Muscat spiċċa bi 11-il punt. B'punt warajh spiċċa Ian Bonnici, Joseph Xerri 7 punti, John Zammit 4, Mario Attard 3 u Loreto Spiteri b'punt wieħed.

**Gozo Snooker Cup 2015**

Fil-Kategorija Plate ħareg rebbieħ Michael Portelli li fil-finali għeleb lil George M. Zammit 3-1.

Fit-Tieni Diviżjoni fil-finali għall-ewwel post ħareġ rebbieħ James Sultana li sab sfida qawwija minn Chris Muscat meta kiseb rebħa stretta ta' 4-3. Imbagħad fil-finali għat-tielet post Joseph Borg għeleb 3-1 lil Frankie Portelli.

Fl-Ewwel Diviżjoni Joe Pisani kellu rebħa faċli ta' 5-0 kontra Sam Sultana.

Jason Vassallo f'finali ferm eċċitanti w interessanti tad-Diviżjoni Premier kiseb rebħa ta' 6-5 kontra Shaun Sultana.

# Ċentru ġdid tal-Mediċina Sportiva fil-Kerċem Ajax FC Stadium

F'dawn l-aħħar ġimgħat infetħu uffiċjalment il-bibien tal-Bruno Therapy Rehabilitation & Fitness, fil-Kerċem Ajax FC Stadium. Dan l-investiment ta' Kerċem Ajax FC flimkien ma' dak tas-Sinjuri Bruno Di Pietrantonio u Valerio Ballotta kien sostanzjali fl-aħħar xhur biex issa qed ikun offrut dan iċ-Ċentru Mediku. B'hekk, kull individwu, sew jekk atleta u sew jekk le, illum għandu Ċentru li joffri servizz komplut minn konsultazzjoni medika għall-fiżjoterapija, rijabilitazzjoni u aktar.

Din iċ-Ċentru għandu dehra mill-isbaħ, bi spazju kbir u b'apparat mill-aktar modern bl-għajnuna ta' kumpanija Taljana esperta fil-qasam tal-mediċina sportiva. Dan il-proġett se jservi ta' ftuħ biex titneħħa l-idea li din iċ-Ċentru Mediku huwa biss għall-użu tal-players tal-football. Fil-fatt iċ-Ċentru huwa aċċessibbli għal kulħadd u mhux biss għal players tal-football u sportivi oħra iżda qed joffri s-servizzi tiegħu anke għal pubbliku in ġenerali. Din iċ-Ċentru ġdid huwa mmexxi minn Bruno Di Pietrantonio u Valerio Ballotta, li qed ikunu assistiti minn numru ta' fiżjoterapisti professjonali.

Iċ-Ċentru li huwa "state of the art" qed ikun miftuħ kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.00 am sat-8.00 pm u s-Sibtijiet mid-9.00 am sal-5.00 pm.

Minbarra milli joffri skema lill Clubs tal Football Għawdxi li permezz tagħha dawn jibbenefikaw minn rati preferenzjali, Kerċem Ajax FC qed jestendu din l-iskema għal benefiċċju ta' organizzazzjonijiet sportivi oħra kif ukoll għal dawk il-kumpaniji kummerċjali li jkunu nteressati.

Minbarra servizz ta' konsultazzjoni ta' natura medika sportiva, ċ-Ċentru joffri wkoll dawn is-servizzi:

Sessjonijiet ta' fiżjoterapija; Messaġġi għal uġiegħ tad-dahar; Rijabilitazzjoni relatata ma' attività sportiva, li tinkludi wkoll taħriġ fil-gym; wara li l-individwu jkun għadda minn xi operazzjoni jew problemi fiżiċi serji; Taħriġ sabiex wieħed jipprevjeni problemi fiżiċi waqt attivita' sportiva; Taħriġ individwalizzat; Massage u Sports Taping.

Dan l-investiment li sewa eluf konsiderevoli ta' ewros ikompli jsaħħaħ l-impenn tal-club ta' Kerċem Ajax FC li jiftaħ iktar l-orizzonti tiegħu, u permezz ta' din l-entità li qed topera fuq bażi kummerċjali, ikompli wkoll joffri servizz lil dawk l-atleti u mhux biss li jiġu bżonn ta' dan iċ-Ċentru.

Il-president tal-Club ta' Kerċem Ajax FC, Albert Camilleri, qal li dan iċ-Ċentru se jħabbatha sew ma' Ċentri oħra simili, huwa aċċessibbli għal kulħadd u se jimla l-vojt li ilu jinħass f'Għawdex, filwaqt li rringrazzja lill-istess Bruno u Valerio għall-investiment tagħhom, kif ukoll lil persuni oħra fi ħdan il-Club għax-xogħol kontinwu tagħhom biex din il-ħolma, u dan il-proġett ambizzjuż seta jsir realtà u jibda jaħdem b'suċċess.

"F'dawn il-faċilitajiet bil-kollaborazzjoni ta' Dr. Justin Caruana, Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva bdejna wkoll il-Proġett Pilota ta' Anzjanità Attiva li nedejna f'Kerċem li qabad ritmu ġmielu fejn kellna numru kbir ta' applikanti li laħaq mal-130 persuna" temm jgħid is-Sur Camilleri.

Min-naħa tiegħu Di Pietrantonio qal: "Jien persuna li minn dejjem interessajt ruħi fir-rijabilitazzjoni sportiva tal-atleti. Konvint li b'dan l-investiment tagħna b'Ċentru li huwa armat bl-aktar teknoloġija moderna, li ser jgħin mhux ftit biex tħaffef il-proċess tar-rijabilitazzjoni u tgħin lill-players tal-football lokali kif ukoll lill-atleti biex jirkupraw aktar malajr minn problemi fiżiċi li jista' jkollhom. Iżda mhux biss.

"Atleti oħra li ġejjin minn sport ieħor jistgħu jinqdew b'appart mill-iktar sofistikat u modern. Ma' dawn anke l-pubbliku in generali jista jagħmel użu mill-faċilitajiet li joffri dan iċ-Ċentru. Ta' dan kollu ma nistax ma nfaħħarx il-koperazzjoni li sibna mill-Kumitat ta' Kerċem Ajax FC. L-investiment tagħna għandu jawgura tajjeb għall-poplu kollu in ġenerali."






# #BEACTIVE



Il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini Ewropej f'attivitajiet fiżiċi hija waħda baxxa ħafna, tant li skond stħarriġ tal-Ewrobarometru dwar is-suġġett, li sar is-sena l-oħra, madwar 60% tal-Ewropej rari jew qatt ma jinvolvu ruħhom f'attivitajiet sportivi. Ir-rata għal Malta hija iktar inkwetanti, għax titla' sa 75%. U r-riżultati ta' stħarriġiet li saru fis-snin ta' qabel juru li l-interess fl-isport f'ħafna Stati Membri tal-Unjoni Ewropea qiegħed jonqos b'rata mgħaġġla, u mhux jiżdied. Dan in-nuqqas ta' interess jaffettwa mhux biss is-saħħa fiżika u mentali tal-persuna, iżda anki s-soċjetà u l-ekonomija tal-pajjiż. Tant hu hekk, li ż-żewġ effetti negattivi ewlenin tan-nuqqas ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' natura fiżika huma ż-żieda fin-nefqa pubblika fil-qasam tas-saħħa u n-nuqqas ta' produttività fuq il-post tax-xogħol.

Sabiex tindirizza din il-problema, il-Kummissjoni Ewropea nediet il-Ġimgħa Ewropea għall-Isport bil-għan li kemm jista' jkun, in-nies jiġu mħeġġa jkunu iktar fiżikament attivi u sabiex jiżdied ukoll l-għarfien dwar l-importanza li wieħed jinvolvi ruħu fl-isport. L-oġġettivi ta' din il-Ġimgħa ta' attivitajiet huma:

1. Iż-żieda fin-numru ta' nies li huma fiżikament attivi madwar l-Ewropa;
2. Il-promozzjoni tal-isport u l-attivitajiet fiżiċi;
3. Il-promozzjoni ta' soċjetà iktar inklussiva;
4. L-inkoraġġiment għal inizjattivi ġodda u t-tisħiħ ta' inizjattivi li jeżistu diġà.

F'Malta, matul il-Ġimgħa Ewropea għall-Isport ta' din is-sena, bit-tema *#BeActive*, ipparteċipaw 'il fuq minn għaxart elef ruħ fil-bosta attivitajiet li ġew organizzati bejn is-7 u t-13 ta' Settembru 2015. SportMalta, l-organizzatur ewlieni ta' din il-Ġimgħa, kiseb fondi mill-Kummissjoni Ewropea permezz tal-għajnuna li ngħata mill-MEUSAC sabiex ikun jista' jorganizza l-attivitajiet. It-temi prinċipali kienu: l-attività fiżika fl-edukazzjoni, fil-postijiet tax-xogħol, fil-klabbs sportivi u fil-miftuħ. Din il-Ġimgħa Ewropea għall-Isport inkludiet avvenimenti u attivitajiet fit-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll fil-Maċedonja, l-Islanda, in-Norveġja, il-Liechtenstein u t-Turkija.

Permezz tal-attivitajiet li saru matul din il-Ġimgħa, ingħatat l-opportunità lill-għaqdiet sportivi li jirriflettu dwar l-irwol li għandhom biex iħeġġu lin-nies ikunu aktar attivi fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. L-isfida prinċipali ta' dawn l-għaqdiet hija li jiġbdu lejhom nies illi qatt ma pparteċipaw fl-isport sabiex jibdew jieħdu sehem f'attivitajiet fiżiċi li jkunu ta' benefiċċju kemm għal saħħithom u kif ukoll għas-soċjetà b'mod ġenerali. Fil-fatt, permezz tal-Ġimgħa Ewropea għall Isport, l-iskop tal-Kummissjoni Ewropea hu li tinkoraġġixxi l-entitajiet involuti fil-qasam sportiv biex ikomplu jsaħħu l-attivitajiet li diġà jorganizzaw, filwaqt li joħorġu b'ideat ġodda li permezz tagħhom ikunu jistgħu jħajru iktar nies




jinvolvu lilhom infushom fl-isport.

Il-possibbiltà li wieħed jieħu sehem f'attivitajiet rikreattivi saret iktar possibbli, partikolarment minħabba l-aċċessibiltà ta' spazji apposta fil-lokalitajiet tagħna li joffru numru ta' opportunitajiet għal persuni ta' kull età u qasam tal-ħajja. Apparti l-benefiċċji għal saħħitna, dawn l-attivitajiet fiżiċi jgħinuna ninteraġixxu aktar man-natura; aspett li huwa rikonoxxut mad-dinja bħala importanti ferm għas-saħħa mentali tal-bniedem. Minbarra dan, l-attivitajiet rikreattivi jista' jkollhom ukoll effett pożittiv ħafna fuq l-ekonomija lokali u t-turiżmu.

Il-Kummissjoni Ewropea temmen li dawn l-attivitajiet rikreattivi għandhom potenzjal kbir u għaldaqstant toffri l-appoġġ sħiħ tagħha lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea sabiex ikomplu jinvestu f'dawn l-oqsma importanti. Infatti, l-entità bl-isem *'European Network of Outdoor Sports'* (ENOS), ġiet imwaqqfa fl-2011 bil-għan li tipprovdi lill-organizzazzjonijiet sportivi Ewropej l-opportunità li jaqsmu l-ideat tagħhom u jissieħbu flimkien biex jorganizzaw avvenimenti fuq livell Ewropew. L-importanza mogħtija mill-Unjoni Ewropea lill-attivitajiet rikreattivi għandha effett ukoll fuq il-politika ta' diversi Stati Membri li qed jadottaw miżuri għat tisħiħ ta' dan is-settur. L-Irlanda ta' Fuq, pereżempju, fl-2013 ippubblikat pjan ta' azzjoni dwar l-attivitajiet rikreattivi. Permezz tal-involviment tal-gvern, tan-negozji, u ta' għaqdiet volontarji, dan il-pjan ta' azzjoni stabbilixxa b'mod ċar numru ta' miżuri bħalma huma leġiżlazzjoni, fondi, strutturi u riċerka li jippermettu li jkun hemm pjan ħolistiku biex attivitajiet rikreattivi jkunu aċċessibbli u sostenibbli.

Għaldaqstant, permezz tal-Ġimgħa Ewropea għall-Isport, l-Unjoni Ewropea qed tkompli tħeġġeġ liċ-ċittadini tagħha jkunu fiżikament attivi billi jieħdu sehem attiv fl-isport u tinkoraġġixxi għaqdiet sportivi jkomplu jsaħħu l-operat tagħhom. Is-sehem sħiħ ta' nies minn kull faxxa tas-soċjetà f'attivitajiet bħal dawn jistgħu verament jibnu soċjetà aktar b'saħħitha fiżikament, ekonomikament u soċjalment.

Għal iktar informazzjoni dwar fondi Ewropej marbuta mal-isport tistgħu tikkunttajaw lill-MEUSAC fuq 2200 3300 jew funding.meusac@gov.mt.

MEUSAC
Malta-EU Steering & Action Committee
NATIONAL COORDINATOR
2015 European Year for Development

## Kampjonat 1960-61

# L-ewwel referee Taljan fil-Kampjonat

**Is-Sitt Ġurnata**

**07-01-1961:**
**Floriana FC – Sliema Wdrs. FC 3-1**
**H.T 1-1**
**Att: 8,006**
**Skurjaw: J. Cini (S) 19', F. Cauchi (F) 34' u 65' u T. Cauchi (F) pen. 74'.**
**Referee: Gastone Roversi**

*Floriana FC*: Nenu Fabri, Jimmy Farrugia, Lolly Debattista, Żarenu Alamango, Lino Farrugia, Lolly Borg, Twanny Sultana, Billy Dalli, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Fredu Cauchi, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Sliema Wdrs. FC*: Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Joe Grima, Rudyard Mifsud, Salvu Bonnici, Alex Gollcher, John Bonnett, Robbie Buttigieg, Ġulinu Muscat (Leli Sammut 58'), Joe Cini, Sammy Nicholl.

1. Għall-ewwel darba referee Taljan kien qed jikkontrolla partita tal-kampjonat Malti. Il-prezz tad-dħul fil-ground għal din il-partita kien sixpence ogħla mis-soltu sabiex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż involuti biex inġiebu r-referees Taljani. Il-Management tal-Istadium kien talab in-nofs ta' dIn iż-żieda minħabba li sostna li meta jogħla l-prezz kienet tonqos l-attendenza.

2. Nenu Fabri daħal bejn il-lasti ta' Floriana wara li l-goalkeeper regolari Victor Xerri ma bediex jinżel għat-training. Xerri kien għarraf lill-club Furjaniż li kien ser jikkonċentra fuq it-team ta' Gżira United, li Xerri kien coach tagħhom. Xerri kien qed jagħmel ix-xogħol ta' coach ma' Gżira United bla ħlas.

3. Joe Cini kien fetaħ l-iskor għall-Wanderers meta ħa l-ballun fil-penalty area ta' Sliema u ġera san-naħa l-oħra tal-ground bi Twanny Sultana u Żarenu Alamango jiġru warajh.

4. Wara nofs siegħa logħob Sliema kienu skorjaw it-tieni goal iżda dan ġie mħassar mir-referee Roversi wara li kkonsulta mal-linesman Turu Lentini. Il-goal tħassar għal foul ta' Ġulinu Muscat fuq il-goalkeeper Fabri li waqagħlu l-ballun u spiċċa fix-xibka, bil-Wanderers jipprotestaw li Fabri kien laqa' l-ballun 'il ġewwa mil-linja tal-goal.

5. Billy Dalli ta' Floriana FC u Robbie Buttigieg ta' Sliema Wdrs. FC tkeċċew mir-referee għoxrin minuta mit-tmiem. L-inċident proprju kien bejn Billy Dalli u Salvu Bonnici li kienu ġew fl-idejn iżda daħal minn wara Robbie Buttigieg li ta daqqa ta' ras lil Dalli. Iż-żewġ players kienu ġew sospiżi partita kull wieħed.

**08-01-1961:**
**Marsa FC – Hamrun FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Att: 5,196**
**Skorja: C. Cassar (M) 69'.**
**Referee: Gastone Roversi**

*Marsa FC*: Salvu Alamango, Żaren 'In-Najs' Formosa, Renzo Coleiro, Ernie Glynn, Mario Bonello, Norman Bell, J. Azzopardi, Alfred Vassallo (Charles Cassar 28'), Joe Borg, Twanny Curmi, Freddie Chircop.

*Ħamrun Sp. FC*: Jimmy Gatt, Johnnie Fondacaro, Martin Attard, Tony Muscat, Carmelo 'In-Nene' Grech, Armando Drago, Gejtu Briffa (John Mifsud 75'), Pawlu Attard, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Salvinu Schembri, Twanny 'Il-Ginger' Cassar.

**14-01-1961:**
**Valletta FC – Hibernians FC 3-2**
**H.T 1-1**
**Att: 8,407**
**Skurjaw: J. Cilia (V) pen. 4', V. Cassar (H) 19' u 50', J. Cilia (V) 67' u M. Azzopardi (V) 80'**
**Referee: Alfeo Grignani**

*Valletta FC*: Tommy Taylor, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Nenu 'Il-Wiżża' MacKay (Pawlu 'Polly' Carbonaro 46'), Joe 'Il-Parsottu' Cilia, John Darmanin, Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci, Josie Urpani, Nenu Chircop (Mario Azzopardi 72'), Frankie Zammit, Freddie 'Il-Waniż' Borg.

*Hibernians FC*: Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Edward Azzopardi, Andrew Ellul, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Louis Theobald, Joe 'Puskas' Muscat, Jimmy Mizzi, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Victor 'Il-Palun' Cassar, Sunny Anastasi, Ċikku 'In-Nagħġa' Xuereb.

1. Sas-sittin minuta kien hemm team wieħed biss fil-ground fejn Hibernians iddominaw għal kollox lil Valletta. Sa dak il-ħin kien Tommy Taylor li żamm lill-Beltin fil-partita fejn anke salva penalty mogħti minn Louis Theobald fl-40 minuta.

2. Louis Theobald lagħab minkejja li kien dubjuż minħabba li kien qed jirkupra minn injury, tant li kien falla l-partita ta' Hibernians kontra l-Awtrijaċi WAC (1-7) tat-Tourney tal-Milied.

3. Partitarji rrabjati ta' Hibernians stennew lill-players fil-pjazza ta' Raħal il-Ġdid. Fil-fatt kellha tissejjaħ il-Pulizija sabiex tagħti protezzjoni lill-players b'mod speċjali lill-goalkeeper Freddie Mizzi li ingħata t-tort fl-azzjoni li wasslet għall-penalty fl-ewwel goal ta' Valletta kif ukoll fit-tielet goal Belti skurjat minn Mario Azzopardi. Mizzi kien għamel ġimgħa ma jinżilx għat-training qabel ma rranġa d-differenzi mall-club wara laqgħa li kellu ma' Kaptan Xuereb.

4. Valletta għall-ewwel darba f'dan il-kampjonat għamlu użu mill-players sostituti meta fil-ħin tal-mistrieħ bidlu lil Nenu MacKay ma Pawlu Carbonaro. Huma kienu l-uniku team tal-Ewwel Diviżjoni li kien għadu m'għamilx użu mir-regola l-ġdida tas-sostituzzjoni.

5. Għal darb'oħra il-prezz tad-dħul kien sixpence ogħla mis-soltu biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż involuti sabiex jinġieb referee Taljan.

**15-01-1961:**
**St. George's FC – St. Patrick FC 3-2**
**H.T 1-1**
**Att: 4,397**
**Skurjaw: W. Barbara (St.Pat) 6', L. Stivala (St. Geo) 35', P. Farrugia (St.Pat) 50' u L. Stivala (St. Geo) 56' u 68'.**
**Referee: Alfeo Grignani**

*St. George's FC*: Albert Borg (Pawlu Nappa 50'), Leonard Mizzi, Karmenu Frendo, Peppi Delceppo, Ġużi Mizzi I, Freddie Delia, Leli Stivala, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Pace (Alfred Agius 50'), Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Joe Mizzi II.

*St. Patrick FC*: Charles Vella, Joe Bugeja, Joseph Cassar (Joseph Mary Albani 55'), Tony Formosa, Tony 'In-Noni' Baldacchino, Jimmy Casha, Romeo 'Il-Hacca' Psaila, Gori Farrugia, Wistin 'Il-Babaw' Barbara, Toninu 'Landolina' Camenzuli,

Charles Mattocks (Pawlu Farrugia 46').

1. Il-goalkeeper ta' St. George's FC Albert Borg kien ġie akkwistat mingħand Floriana ftit ġranet qabel il-Milied. Id-debutt tiegħu xejn ma kien feliċi meta weġġa' fil-50 minuta u kellu jħalli l-ground b'concussion fl-azzjoni li wasslet għat-tieni goal ta' St. Patrick. Hu kien il-ħames goalkeeper utilizzat minn St. George's f'sitt partiti tal-kampjonat bl-oħrajn ikunu Ġużi Bonnici, Pawlu Nappa, Pellicano u Ġużi Mugliett.

2. Il-player Gori Farrugia ta' St. Patrick's tkeċċa żewġ minuti mit-tmiem wara daħla goffa fuq player avversarju.

3. Is-centre half Joe Mizzi weġġa' tmien minuti mit-tmiem biex St. George's kellhom ikomplu l-partita b'għaxar players.

4. Kien hemm ħames players kunjomhom Mizzi fit-team tas-Saints iżda l-ebda wieħed minnhom ma kien relatat mal-ieħor.

5. Skond il-ġurnal 'Leħen is-Sewwa' Pawlu Farrugia lagħab partita sħiħa u kien Gori Farrugia li daħal bħala sostitut fil-bidu tat-tieni taqsima u skorja t-tieni goal ta' St. Patrick fil-50 minuta.

Klassifika: Valletta FC 11-il pt.; Floriana FC u Hibernians FC 10 pti.; Sliema Wdrs. FC 8 pti.; St. George's FC u Marsa FC 3 pti.; St. Patrick FC 2 pti.; Ħamrun Sp. FC 1 pt.

L-Aqwa Skorers: T. Cauchi (Floriana FC) 7 goals; F. Cauchi (Floriana FC), L. Stivala (St. George's FC) u F. Zammit (Valletta FC) 5 goals; Ġ. Muscat (Sliema Wdrs. FC) 4 goals.

**Is-Seba' Ġurnata**

**21-01-1961:**
**St. George's FC – Marsa FC 4-1**
**H.T 3-1**
**Att: 3,016**
**Skurjaw: L. Stivala (St. Geo) 13' u 14', J. Azzopardi (M) 19', E. Mizzi (St. Geo) pen. 21' u L. Stivala (St. Geo) 83'**
**Referee: Pawlu Bonnett**

*St. George's FC:* Albert Borg, Leonard Mizzi, Karmenu Frendo, Peppi Delceppo, Freddie Sultana, Freddie Delia, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Leli Stivala, Freddie Demanuele (Pace 80'), Joe Mizzi II.

*Marsa FC:* Salvu Alamango (Farrugia 46'), Żaren 'In-Najs' Formosa (Alfred Vassallo 28'), Renzo Coleiro, Ernie Glynn, Mario Bonello, Norman Bell, Nenu Fabri, J. Azzopardi, Joe Borg, Twanny Curmi, Freddie Chircop.

1. Leli Stivala ta' St. George's FC skorja t-tieni hat-trick konsekuttiv tiegħu biex issa tela' fil-quċċata tal-aqwa skorers tal-kampjonat bi tmien goals daqs Tony Cauchi ta' Floriana.

2. Maurice Debono, id-delegat ta' St. George's fil-Kunsill tal-MFA, informa lill-MFA li l-player tagħhom Leli Stivala kien irċieva telefonata fuq ix-xogħol sabiex jiltaqa' ma' persuna f'karozza ħdejn il-Bieb tal-Birgu. Stivala nforma lill-Kumitat, li minn naħa tagħhom marru fuq il-post moħbija jaraw il-każ iseħħ. Fil-fatt huma raw karozza ddoqq il-ħorn lil Stivala fejn il-player ġie offrut £20 biex jilgħab ħażin. Debono nforma lill-MFA li huma kienu għaddew il-każ f'idejn il-Pulizija.

3. Kemm Norman Bell ta' Marsa u l-goalkeeper Albert Borg ta' St. George's, it-tnejn kienu bdew il-karriera tagħhom mal-Minors ta' Floriana li kienu rebħu l-kampjonat 1953-54 b'punti massimi. Players oħra f'dak it-team qawwi tal-Minors ta' Floriana kienu Tony Cauchi, Joe Cini, Żarenu Alamango, Billy Dalli, Vella James u t-tlet aħwa Twanny, Leli u Ritchie Sultana.

4. Għal Marsa rritorna fit-team Nenu Fabri li kien ilu nieqes mit-telfa ta' 9-0 kontra Valletta fl-aħħar partita tal-kampjonat ta' qabel.

5. Marsa, fi bżonn iddisprat ta' attakkant, kienu jinsabu f'kuntatt mal-ex player tagħhom Freddie Abela 'L-Isteak' biex jirritorna mill-Awstralja u jerġa' jilgħab magħhom. Abela kien informahom li hu kien lest jirritorna jekk iħallsulu l-passaġġ ta' £250.

**28-01-1961:**
**Floriana FC – Valletta FC 2-2**
**H.T 2-0**
**Att: 13,796**
**Skurjaw: P. Demanuele (F) 8', T. Cauchi (F) 17', M. Azzopardi (V) 66' u N. Chircop (V) 76'.**
**Referee: Ritchie Casha**

*Floriana FC:* Nenu Fabri, Jimmy Farrugia, Lolly Debattista (Fred Barry 78'), Żarenu Alamango, Lino Farrugia, Lolly Borg, Twanny Sultana, Pullu Mousu', Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Fredu Cauchi, Pullu 'Il-Koku' Demanuele

*Valletta FC:* Tommy Taylor, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Joe Cilia, Johnnie Darmanin, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci (Pawlu 'Polly' Carbonaro 62'), Alfred 'Il-Waniż' Borg (Nenu Chircop 1').

1. Wara biss minuta logħob il-player Freddie Borg 'Il-Waniż' kellu jħalli l-ground imweġġa' wara li għola għall-ballun ma' Jimmy Farrugia u niżel mal-art fuq wiċċu. Huwa kiser ix-xedaq fejn sarulu wkoll għaxar punti f'xufftejh. Lejn tmiem il-partita anke Lolly Debattista weġġa' u ħareġ fuq stretcher. Debattista dam barra mil-logħba xahrejn.

2. Valletta kellhom lura fit-team lil Joe Zammit 'Il-Ginger' li lagħab b'idejh infaxxata wara li kien kisirha filwaqt li kellhom nieqes lil Frankie Zammit li wara xi differenzi mall-club Belti ħabbar li ma kienx ser jilgħab iktar football.

3. Floriana kellhom lil Billy Dalli sospiż wara li tkeċċa fl-aħħar ħarġa kontra Sliema Wanderers. Fil-pożizzjoni tiegħu kien lagħab Pullu Mousu.

**28-01-1961:**
**St. Patrick FC – Ħamrun Sp. FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Att: 3,270**
**Skorja: o.g C. Grech (S) 80'**
**Referee: Carmel Galea**

*St. Patrick FC:* Charles Vella, Joe Bugeja, Joseph Cassar, Twanny Formosa, Tony 'In-Noni' Baldacchino, Jimmy Casha, Ġoġo Gatt (Freddie 'Il-Kixu' Abela 46'), Toninu 'Landolina' Camenzuli (Pawlu Farrugia 75'), Wistin 'Il-Babaw' Barbara, Gori Farrugia, Charlie Mattocks.

*Ħamrun Sp. FC:* Jimmy Gatt, Johnnie Fondacaro, Martin Attard, Salvinu Schembri, Carmelo 'In-Nene' Grech, Armando Drago, Pawlu Buttigieg, Pawlu Attard, John Mifsud (Gejtu Briffa 88'), Twanny 'Il-Ginger' Cassar, Freddie Galea (Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech 62').

1. Ħamrun Spartans kienu sfortunati li ħarġu b'telfa meta wara li ddominaw il-partita mill-bidu sal-aħħar sofrew goal sfortunat meta Grech 'In-Nene' interċetta ħarba ta' Fredu Abela, tefa' back pass lejn il-goalkeeper sieħbu Jimmy Gatt, li nqabad fuq sieq ħażina bil-ballun jispiċċa fix-xibka.

2. Minkejja l-autogoal, il-partitarji Ħamruniżi fi tmiem il-partita applawdew lill-player Carmelo Grech 'In-Nene' għall-wirja qalbiena li kellu tul il-partita.

3. Matul il-partita Twanny Cassar darbtejn kien għoddu fetaħ l-iskor għall-Ispartans iżda d-difensuri Twanny Baldacchino u Joseph Cassar fiż-żewġ okkażjonijiet tajru l-ballun minn fuq il-linja bil-goalkeeper Vella megħlub.

4. Iż-żewġ timijiet lagħbu mingħajr numri fuq wara tal-flokk – ksur tar-regolament li kien qed isir drawwa fil-partiti tal-Ewwel Diviżjoni meta r-referees ma kienu qed jieħdu ebda passi kontra dan in-nuqqas.




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' Chelsea

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Ottubru, 2015

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Chelsea ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 101



Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 101 hija:
**Ms C. Pisani - Iklin**



# SPORTIV Tisliba

### Soluzzjoni - Ħarġa nru 101

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| M | I | C | C | O | L | I | | K | O | S | H | L | A |
| O | | O | | T | | B | | L | | U | | A | |
| R | E | N | S | E | N | B | R | I | N | K | | U | |
| N | | D | | P | | U | | P | | E | A | S | T |
| I | R | I | N | A | | R | U | P | E | R | T | | H |
| N | | T | | | W | D | T | | M | | A | R | U |
| G | R | I | M | A | | J | U | L | I | A | N | | R |
| G | | O | | L | E | A | L | | L | | A | R | S |
| L | E | N | D | L | | R | U | B | E | N | S | | T |
| O | | | E | I | D | | | O | | | O | N | O |
| R | E | G | I | S | | K | | W | | S | V | | N |
| Y | | E | | T | H | U | R | M | A | N | | K | |
| | | N | | E | | R | | A | | O | V | E | R |
| S | U | K | U | R | | T | O | N | I | O | | R | |

FITNESS STUDIO

Kull xahar qed jintrebħu żewġ memberships ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill 11 ta' Ottubru, 2015:

**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

**Isem u kunjom**

**Indirizz**

**E-mail**

**Ir-rebbieħa ta' Ħarġa 101 hija: F. Farrugia - Birkirkara**

### Mimdudin

1) L-ewwel Ġermaniż f'Old Trafford (14)
8) "Naya .......", debba Daniża ta' 10 snin (7)
9) Ron, il-fundatur tal-McLaren fil-Formula Wieħed (6)
11) "... Look de Mots", żiemel Franċiż ta' 14-il sena (3)
12) Michael, 104 partita u 37 goal mad-Danimarka (7)
14) Atkinson, għawwiema Olimpika mill-Ġamajka (4)
17) L-aqwa 'serve' fit-Tennis (3)
19) Raoul, midfielder internazzjonali tal-Kamerun (3)
20) Herbert, difensur Ġermaniż fil-FIFA WC 1954-58-62 (7)
22) ".... De Marancourt", żiemel Franċiż ta' 13-il sena (4)
23) u 27) Tom Henning, ex referee Norveġiz 'mibgħud' mit-Taljani (6)
25) u 26) Luis, player tal-Baseball ma' New York Yankees (8)
26) Ara 25 Mimdudin
27) Ara 23 Mimdudin
31) Ibrahim, eks midfielder Franċiż-Senegaliż (2)
33) "Suro du .......", żiemel Franċiż ta' 9 snin (9)
34) Louis, referi Spanjol tal-Baskitbol f'Malta (5)
35) Carneiro, it-'tabiba tal-familja' ta' Mourinho (3)
36) Campbell, għawwiema Awstraljana 'tad-deheb' (6)
38) Blenes, waħda mill-aqwa kickboxers Maltin (5)
39) Sebastian, minn sprinter għal President tal-IAAF (3)

### Weqfin

1) Richard u Victoria, l-aħwa Maltin tal-Ibburdjar (9)
2) Daniela, tennista professjonali mis-Slovakkja (10)
3) Widlund, goalkeeper Svediż fil-Fifa WC 1934 (5)
4) u 24) Il-Mascot tal-Mundial fi Spanja fl-1982 (9)
5) Victor, il-mibki president sinonimu ma' Hamrun Spartans (7)
6) Pace, atleta internazzjonali Malti fl-1500 metru (3)
7) Cornago, midfielder Arġentin ta' Melita FC (6)
10) u 18) Fritz, lagħab biss 4 friendlies mal-Ġermanja tal Punent (5)
13) ".....dogs", terminu li jirreferi għal timijiet 'inferjuri' (5)
15) Fernando, eks attakkant Spanjol ta' Juventus (8)
16) After-Extra-Time (1,1,1)
18) Ara 10 Weqfun
21)"Rio ...", klabb fil-Primeira Liga tal-Portugall (3)
24) Ara 4 Weqfin
28) Alex ......-Chamberlain, winger tal-Gunners (6)
29) Greenwood, coach ta' West Ham Utd 1961-1974 (3)
30) David, 62 partita u 27 goal għall-Ingilterra (5)
31) u 37) Waħda mill-bliet ospitanti ta' Italia '90 (4)
32) Bonello, għawwiema promettenti ta' Exiles ASC (4)
33) Brian, player żagħżugħ Malti tas-Snooker (4)
37) Ara 31 Weqfin

# FITNESS STUDIO

Triq il-Ġifen, St Paul's Bay

## Opening Hours

Mon-Fri 05.00 - 23.00

Sat 08.00 - 18.00

Sun 08.00 - 13.00

The prices for a single membership are as follows:

1 year €230

6 months €160

3 months €110

1 month €50

daily rate €7

Kindly call on 21575490 / 77580001 / email to gaucigym@gmail.com for further information


PREMIER LEAGUE
OFFICIAL BEER
Carlsberg
BARCLAYS PREMIER LEAGUE
OFFICIAL BEER OF PROBABLY THE BEST LEAGUE IN THE WORLD
Carlsberg
Probably the best beer in the world.
ENJOY RESPONSIBLY
drinkawaremalta.com
for the facts